60 SENA SAĊERDOT

# Il-Kanonku Karm Calleja



WAYNE BONELLO U ANDREW BORG

**Karkariż iħobb lil Santa Liena għex il-parti l-kbira ta' ħajtu San Ġiljan iħobb ukoll lil dan il-qaddis li ta ismu lil din il-lokalità. Sittin sena ta' saċerdozju li fihom ħadem l-għalqa tal-Mulej fl-aspetti kollha tagħha.**

## Introduzzjoni

Iltqajna' ma' Dun Karm – kif aħna mdorrijin nsejħulu, għalkemm suppost li huwa l-Kanonku Karm Calleja – fis-sagristija tal-knisja parrokkjali wara l-quddiesa tad-9.15am li issa ilha f'idejh għal dawn l-aħħar snin. Laqagħna bil-kliem "Diġà għidt kollox lil John Agius, tajtu kollox, ħajti kollha fid-dettalji kollha." Iżda aħna wrejnieh li xtaqna nkellmuh għax min jaf kemm hemm affarijiet x'wieħed jista' jistaqsi f'sittin sena ta' saċerdozju. L-artiklu li qed nippubblikaw f'din il-pubblikazzjoni arkivjali hu frott ta' din l-intervista li għamilnielu jiena u sieħbi Andrew Borg, kif ukoll tal-materjal miktub li Dun Karm għadda lill-ġurnalista veteran Ġiljaniż John Agius, li nirringrazzjawh li għoġbu jaqsam magħna t-tagħrif li għaddhielu Dun Karm; mhux biss, iżda qalilna wkoll biex da nil-materjal storiku nżommuh fl-Arkivju San Ġiljan li għandna fil-Knisja ta' Lapsi.

## Il-Familja

Il-familja Dun Karm tkellem b'nostalġija dwar il-familja tiegħu. Missieru Giovanni Calleja tnissel minn familja tal-barunijiet Testaferrata. Ommu Elena Calleja Psaila kienet ġejja mill-familja ta' Mons. Filippo Borg (Borgia), il-fundatur tal-Kolleġġjata ta' Sant'Elena f'Birkirkara, u kien bis-saħħa tagħha li huwa kellu d-dritt li jsir Kanonku ta' Birkirkara, kif se naraw iktar 'il quddiem.

Dun Karm ġej minn familja numeruża, u allura wieħed jistenna li f'familja bħal din ikun hemm ħafna ġrajjiet u avvenimenti li jiffurmaw l-istorja tagħha. Iżda fil-każ tal-familja Calleja din l-istorja tinkludi ukoll aspetti traġiċi li Dun Karm irrakkuntalna f'ċertu dettall. Fil-qosor insemmu li darba minnhom tnejn minn ħutu bniet telgħu ma' ħuh jilagħbu fil-kamra ta' fuq fejn kien hemm

ħażna ta' silla. Dan fettillu jqabbad ħuġġieġa f'rokna minnhom, iżda n-nar malajr infirrex. Ħuh irnexxielu jiżgiċċa iżda l-bniet inqabdu ġewwa. Dun Karm jiftakar kif missieru kien tgħatta bi gvieret imxarrba biex daħal isalva lil ħutu bniet. Darb'oħra oħtu Ġenoveffa li kienet għad għandha erba' snin daħlet ġo banju taż-żingu mimli bl-ilma sakemm ħutha kienu qed jonxru l-ħwejjeġ. Billi l-ilma kien bis-sapun hija żelqet u mietet mgħarrqa f'dan l-imbierek banju. Storja oħra traġika hi dik ta' ħuh ieħor li meta kellu disa' snin kien qed jilgħab fil-pjazza quddiem il-Kolleġġjata u hekk kif waqaf għall-ballun li ġie fuq sprall dan ċeda bih. Spiċċa rasu 'l isfel f'kantina kollha trab u ħmieġ. Qabditu infezzjoni kerha tal-meningite u f'inqas minn xahar baqa' sejjer għand il-Mulej. Iktar'il quddiem jirrakkonta l-mewt ta' waħda minn ħutu bniet li mietet ftit wara li żżewġet. Fuq nota differenti għal kollox isemmi l-fatt li oħtu Elena welldet tifel ftit sigħat biss qabel ommu welldet lilu. Dun Karm qalilna "Mhux biss ħriġna nixtiebhu, imma semmewna l-istess ukoll." Iżda anke hawn reġa' kien hawn svolta kerha. It-tifel t'oħtu miet ta' sitt xhur, filwaqt li ommu qabditha marda li tittieħed u lilu l-anqas biss setgħet terfgħu. Anke missieru spiċċa ħażin, għax tatu puplesija u dam għaxar snin ittabab biha.


It-tfajjel Karm


Giovanni, missieru


Elena, ommu



Imma kif għidna familja kbira għandha storja kbira ukoll, u kif qal Dun Karm innifsu "ċertu affarijiet ma tinsiehom qatt."

**Ir-Reliġjon**

Ta' sitt snin kien diġà tgħallem igħid ir-Rużarju. Kien imur il-MUSEUM għal-lezzjonijiet tad-duttrina u eżatt wara jibqa' sejjer id-dar għal tnejn minn ħutu u żewġt itfal t'oħtu Elena li lkoll kienu ftit jew wisq tal-istess età. Dak iż-żmien kien jingħad ir-rużarju f'diversi toroq ta' Birkirkara. Is-superjur kien qabdu jgħid ir-rużarju fi Triq il-Kbira Ħas-Sajjied taħt in-niċċa tad-Duluri. Kien tah dan il-post li ma kienx bogħod minn fejn kien joqgħod, billi kien għadu żgħir. Kulħadd kien joħroġ ħdejn bieb daru biex igħid ir-rużarju miegħu. Kienu qalgħuhielu "Ġanni tar-Rużarju". Dun Karm qalilna li meta mbagħad bdiet il-Gwerra r-rużarju beda jgħidu fix-xelters. Ħelwa l-ġakolatorja li jiftakar li kienu jgħidu n-nies bejn posta u oħra: "Imqaddsa Verġni Marija, itfa' l-bombi fil-baħar u fil-ħamrija."

Dun Karm minn dejjem kien juri li hu responsabbli. Għadu tfal diġà fdawlu r-rużarju fit-toroq u fix-xelters, imbagħad is-superjur beda anke jafdalu t-tfal iż-żgħar miegħu. Hu kien iżommhom sakemm xi wieħed mis-soċi jitfaċċa mix-xogħol, x'aktarx tat-tarzna. Barra minn dan kien abbati u qabel jidlam kien imur iservi l-quddies fil-kappella tal-Ħerba, ta' Sant' Antnin, imma l-aktar f'Tal-Vitorja. Isemmi lil ċertu Speditu li kien għallmu jservi l-quddiesa bil-Latin u għallmu ukoll kif ikanta: "kif noħroġ il-vuċi minn ħalq tond." Kien ħarrġu tajjeb biżżejjed biex seta' jibda jieħdu jkanta mal-Maestro Schembri f'Ħal Balzan, Ħal Lija u Ħ'Attard. Tant kien kuntent bih li mbagħad beda jtellgħu r-Rabat biex ikanta mal-Banda L'Isle Adam l-innu tar-rebħa tal-Assedju l-Kbir.

Liċ-ċkejken Karm kienu jiggustaw jarawh daqshekk bravu fl-affarijiet tal-knisja. Isemmi lil ċertu Piju li kien tah b'rigal mudell ta' knisja li kien fiha seba' altari. Ħutu ukoll kienu jiggustawh, u hu kien jieħu l-okkażjoni biex dejjem jitlobhom xi jrid. "Kont dejjem nokrob lil ħuti biex iħituli l-ilbies tal-quddies, l-alba – dik il-libsa twila bajda u kompluta bil-bizzilla ridtha!" Kien iħobb iqaddes quddiem din il-knisja li kellu. Il-quddiesa kienu jisimgħuha l-qattus, il-kelb u xi fenek tal-indi, "li dejjem kien jispiċċa f'ħobbi." Ġie li kien jażżarda jixgħel ix-xemgħat, imma ħutu jew it-tfal t'oħtu kienu dlonk imorru jikxfuh ma' ħutu l-kbar li kienu jiġu u jżarmawlu kollox.

Kien tifel ilvent u jlaħħaq ma kollox. Billi dak iż-żmien fil-knisja kienu jitqaddsu quddisiet differenti fuq diversi altari fl-istess ħin, iċ-ċkejken Karm kien jipprova jlaħħaq ma' dak u mal-ieħor. "Lil wieħed ngħollilu l-pjaneta biex ipoġġi. Lill-ieħor indawwarlu l-folji tal-ktieb.... Sakemm ma nitfixkilx f'xi tarġa u naqa' xi waħda bejn ġirja u oħra minn altar għall-ieħor." Sewwa jgħidu l-karattru ma jinbidilx, illum Dun Karm ilaħħaq iqaddislek San Ġiljan, imur il-Bażilka Birkirkara biex jagħmel it-talb mal-Kanonċi kif inhu mistenni



***Sa minn tfulitu Dun Karm kien dejjem miġbud lejn il-ħwejjeġ tal-knisja***

minnu mbagħad ġirja waħda għal-lukanda Buġibba fejn iqaddes ukoll.

## Il-Gwerra

Kif bdiet il-Gwerra Dun Karm ma jista' jinsa qatt, għax proprju fil-lejl ta' bejn l-ewwel u t-tieni ta' Awwissu 1939 meta Hitler invada l-Polonja, miet missier Dun Karm. Hawnhekk Dun Karm ukoll kellu rakkont ħelu għalina: "Dak iż-żmien Dun Ġorġ, illum qaddis, kien jitla' sikwit lejn Birkirkara biex ikellem lis-soċi u t-tfal tal-MUSEUM. Darba minnhom ħallejt it-tfal jitilqu d-dar u jien staħbejt. Meta Dun Ġorġ spiċċa l-laqgħa mas-soċi, reġgħu



lemħuni hemm imma jien għidtilhom li ridt inkellem lil Dun Ġorġ. Sa fl-aħħar kellhom iħalluni. Dan sejjaħli. Jien staqsejtu fejn kien mar missieri li kien għadu kif miet. Hu qabad jitbissem. Jien għidtlu li missieri kien devot ħafna tad-Duluri u kien iħobb ħafna lil ħuti l-mejta. Hu weġibni: 'Isa ħej, la qed tgħidli hekk, mela anke lilek ara kemm kien iħobbok. Isa ruħi fittex mur lejn id-dar u tinkwetax lil ommok issa.' Memorja li ma ninsihiex żgur din, iktar u iktar issa li sar l-ewwel qaddis Malti, hux tassew."

Dun Karm jiftakar kif fi żmien il-Gwerra kulħadd beda ġej Birkirkara, li mtliet bir-rifuġjati ta' bliet u rħula oħra. Il-popolazzjoni hemmhekk telgħet għal madwar 70,000. Ħuh il-kbir beda jinsisti li jinżlu joqogħdu fil-mezzanin li kellhom il-Qaliet San Ġiljan imma ommu ma riditx taf għax kienet tibża' mill-invażjoni tal-għadu li kienu qed jaħsbu li ġej minn fuq il-baħar. Meta batta l-blitz, bl-attakki kontinwi lejl u nhar, ommu bdiet tibdel fehmtha u riedet tmur San Ġiljan, iżda xorta mhux il-Qaliet. Ħuh irnexxielu jsib post battal f'Wied Għomor, "taħtna kien hemm ir-*Rocky Vale*".

**Ta' Calleja f'San Ġiljan**

Bis-saħħa tal-gwerra, biex ngħidu hekk, il-familja ta' Dun Karm ġarret lejn San Ġiljan. Dun Karm jirrakkonta: "l-ewwel ħaġa li għamilt, tlajt ma' ħuti l-parroċċa li kienet Lapsi. Salvu s-sagristan u l-qassisin Dun Artur u Dun Vinċenz, ħadu pjaċir bija. Billi l-Kappillan Bonanno kien għadu kif miet ftit qabel, lili sabuni sombor u malajr tawni x'nagħmel." F'kemm ilna ngħidu qabduh jgħin il-quddiesa, jgħallem it-tfal tad-duttrina u jgħid ir-rużarju filgħaxija. Beda ukoll jieħu ħsieb joħloq *roster* għall-abbatini, min se jgħin fil-quddiesa, min se jgħid ir-rużarju, u min imissu servizz fl-adorazzjoni tal-Ħamis. Ma' dawn żdiedu ukoll il-laqgħat ma' tal-*Boy Scouts*. Kien ħajru s-Sur Joe Storace biex jibda jmur ikellem lit-tfal darba fil-ġimgħa.

Ħin għall-istudju ftit li xejn kien jibqagħlu. Fil-fatt kien iħobb jistudja għad-dawl tal-musbieħ filgħaxija wara l-*curfew*. Iżda darba ġie Dr Busuttil jinviżta lil ommu għax kellha d-deni, u meta rah jistudja f'dak id-dawl bati qallu "Int se tgħarraq għajnejk." Imbagħad il-ħin biex jistudja kien ikollu jisirqu minn hawn u minn hemm matul il-ġurnata.

Meta ġie l-kappillan il-ġdid, Dun Anton Debono l-eqqel tal-Gwerra kien għadda. Malta mtliet bis-suldati u xejn inqas San Ġiljan, speċjalment ir-*Rocky Vale* fejn kienu jkunu organizzati serati ta' divertiment biex lis-suldati jgħollulhom il-moral. U l-moral mhux tagħhom biss tela' iżda ta' kulħadd. Il-parroċċa reġgħet bdiet tieħu r-ruħ. Kollox beda jieħu l-ħajja, l-iscouts bil-banda b'kollox, il-Każin tal-Banda San Ġiljan, l-Azzjoni Kattolika, il-*Legion of Mary*, it-tijatrin. U f'dan iż-żmien Dun Karm jgħidilna: "kont bħaż-żgħażagħ l-oħra tampari, immidd għonqi għal kollox: reliġjożità, pastorali, divertiment, buffunati u l-bqija." Kien żmien sabiħ meta kemm il-lokalità kif ukoll il-parroċċa kienu mimlijin bl-attività.



*Dun Karm saċerdot żagħżugħ*

## Saċerdot u iżjed

Fl-aqwa taż-żgħożija wasal għal Dun Karm iż-żmien li jidħol *boarder* is-Seminarju. Daħal is-seminarju fl-1940. Dun Karm ifakkarna li l-eżami tad-dħul fis-seminarju kien sar f'Ġunju ta' dik is-sena fl-Istitut ta' San Ġużepp, Santa Venera, u dakinhar kien hemm *air raid* ukoll. Tul seba' snin sħaħ huwa studju fil-filosofija u fit-teoloġija. Iżda fil-vaganzi tal-Milied, tal-Għid u tas-Sajf ma kinux jonqsu l-ħarġiet fil-kampanja, l-għawm, il-kompetizzjonijiet f'*indoor* u *outdoor games*. "Iż-żgħażagħ kienu jistennewni bil-ħerqa biex inkomplu nitolbu u nkantaw fis-*St Julians Choir*, mbagħad wara konna norganizzaw xi ikla jew attivitajiet oħra li







***Mumenti sbieħ waqt l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Kolleġġjata ta' Sant'Elena Birkirkara.***

konna noħolqu flimkien." Dun Karm isemmi b'għożża ismijiet ta' nies li dak iż-żmien għenu biex tifforma din il-familja magħquda ta' San Ġiljan... it-tabib Busuttil "li kien sar żagħżugħ bħalna f'kollox", Leone Cefai, Joe Portelli, Joe Demanuele u martu, l-aħwa ta' Scicluna, ta' Borg u ta' Calleja.

Sadanittant gerbu s-snin fis-seminarju u waslu fi tmiemhom ukoll. Dun Karm ħa ħsieb issaħħaħ is-*St Julians Choir* bis-sehem tat-tfal u tal-kbar tal-Azzjoni Kattolika, u anke ta' tfal oħra mill-iskejjel. Beda jgħallimhom il-*Missa Secunda Pontificalis* li kien fi ħsiebu jagħmel bħala l-ewwel quddiesa solenni f'San Ġiljan. Ma kienx l-Arċisqof Gonzi li ordnah qassis. Dak iż-żmien kien l-Awstralja u l-Ordinazzjoni saret mill-Isqof Galea. Kienu grupp ta' tmienja li kienu ordnati saċerdoti f'San Ġwann il-Belt. Ma' Dun Karm ordnaw ukoll Mons. Philip Calleja, Mons. Guido Calleja, Dalmas, D'Amato, Randon, Pawl Gauci, u ieħor li kien għamel il-kors Għawdex, Zammit Hammet. Il-*Prima Messa* għamilha San Ġiljan fid-9 ta' Awwissu: dakinhar għamel il-*Prima Messa Pontificalis* ta' Perosi. Ma setax jonqos li jiċċelebra dan il-mument speċjali f'Birkirkara, raħal twelidu wkoll. Filfatt hemm qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu lejlet il-festa ta' Sant'Elena, fis-17 ta' Awwissu filgħodu. Dakinhar indaqqet il-qanpieni l-Kbira u lilu libsu l-kappa *Prespiter Assistensis*. Is-soltu dan kien isir għall-prepostu biss.

San Ġiljan reġa' bidel il-kaptan li kellu fit-tmun u flok Debono ġie Kappillan Dun Philip Grech. Issa li kien spiċċa l-istudji seta' jżid l-impenn tiegħu fil-parroċċa. Reġa' ħa f'idejh it-tfal tal-preċett u l-griżma; magħhom ukoll il-grupp tal-irġiel u mbagħad anke tan-nisa tal-Azzjoni Kattolika; u ma' dawn anke l-aspiranti żgħażagħ, sakemm ġie fostna Dun Anton Sciberras u ħadhom f'idejh. Imbagħad kien jieħu ħsieb l-atturi fit-Tijatru Melita. L-Arċisqof talbu ukoll biex jibda jagħti daqqa t'id f'xogħol amministrattiv u allura mar jgħin lill-kappillan jirreġistra l-magħmudijiet u s-sagramenti l-oħra.

Irridu niftakru li fiż-żmien li qed nitkellmu l-knisja parrokkjali kienet għadha Lapsi. Hemmhekk Dun Karm kien dejjem iqaddes tas-sebgħa ta' filgħodu, imbagħad bil-lambretta kien jinżel id-dar għal biċċa ħobż mixwija u jitlaq għax-xogħol. Kien jgħallem ir-Reliġjon lill-ġuvintur over 16, l-ewwel l-Imrieħel imbagħad it-Technical Institute Naxxar. Fil-fatt Dun Karm beda jaħdem meta l-Gvern ta' dak iż-żmien kellu bżonn tal-*emergency teachers* biex jwettaq ir-riforma fl-edukazzjoni, u hu kien applika. F'April 1955 intgħażel mal-ewwel grupp. "Stajt bdejt minnufih – kienu se jibagħtuni l-Marsa – imma għażilt li nibda f'Settembru."

Għal snin sħaħ Dun Karm għallem l-istudenti matul il-ġurnata mbagħad kien ikompli b'ħidma pastorali fi ħdan il-parroċċa ta' San Ġiljan. Meta mbagħad wasal il-Kappillan Guido Calleja, żdied ma' dan kollu t-tħabrik marbut mal-bini tal-knisja l-ġdida. Dun Karm jirrakkonta, "Din kellha tinbena fuq is-sit tar-*Rocky Vale*, imma l-Perit Cousin qatagħlna qalbna minħabba li ried jinżel wisq fond għall-pedamenti. Imbagħad kellna battibekk ieħor għax fejn għandna l-knisja llum il-Gvern ried jibni l-iskola primarja. Insomma dejjem nagħtu konna. Fl-aħħar dejjem irranġajna." Mill-ewwel ħsibijiet Dun Karm taru għall-okkażjoni tat-tqegħid tal-ewwel ġebla, għax hu kien involut sew dak inhar. "Għat-tqegħid tal-ewwel ġebla l-Arċisqof Gonzi kien ġie bil-baħar. Jien



***Dun Karm mal-grupp ta' seminaristi sħabu.***



***Dun Karm Calleja jidher qed jidderieġi l-kor tat-tfal fl-iskola primarja l-ġdida ta' San Ġiljan meta din kienet ittrasferita minn dawk li kien hemm fi Triq San Elija u f'San Ġorġ. Dun Karm qalilna li kien dan l-istess kor tat-tfal li kanta meta saret l-ewwel quddiesa mill-Kappillan Dun Ġwann Galea fil-knisja parrokkjali l-ġdida nhar id-Duluri, qabel ma' nfetħet uffiċjalment.***

kont għaqqadt kor ta' madwar 400 tifel u tifla li nġabru fit-taraġ ta' San Ġużepp max-xatt. Konna kantajnielu *Roma Immortalis* ta' Gounoud. Imbagħad tela' bil-karozzella akkumpanjat mill-Banda." Min jaf x'atmosfera sabiħa kien hemm u xi ġmiel ta' vuċijiet b'dawk it-tfal kollha jkantaw. Mur għaqqdu grupp hekk illum!

Dun Karm, li minn dejjem żamm għajnejh miftuħa għal kollox, induna li l-membri tal-Azzjoni Kattolika kienu qed jonqsu u ż-żgħażagħ ma kinux qed jersqu 'l hemm. Ħoloq il-*Youth Centre* biex jiġbidhom lura lejn il-parroċċa. Iżda dan ma qabadx art. Il-kompetizzjoni kienet kbira, bl-era tal-*hippies* u bl-isplużjoni tal-gruppi tar-*rock'n'roll*. "Kulħadd beda jmur jiġġajvja u jirrokkja," qalilna Dun Karm. Kien dan li wasslu biex joħroġ bl-idea riskjuża tal-*Mixed Youth Club* fl-1968: kien l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu f'Malta. "Kellhom tliet *billiards*, imwejjed tat-*table tennis* u trakk tal-*model motor racing* biex jehdew, jilagħbu u joħolqu kompetizzjonijiet." Dan il-klabb qalagħlu ħafna nkwiet lil Dun Karm, kemm ma' ommu u tal-familja, kif ukoll mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Imma dan kien frott ta' għajdut li xi nies riedu jaqilgħu fuqu bla ma kellu

ħtija. Filfatt l-Isqof Gonzi ma kienx ried jiġi jbierku. Iżda Dun Karm ma qatax qalbu u l-klabb tiegħu far biż-żgħażagħ. Kienu jiġu żgħażagħ minn Malta kollha, nhar ta' Sibt u Ħadd, għall-*plays* u *discos*. Normalment kienu jkunu xi 300 imma ġie li qbiżna l-elf f'xi attività. Sa minn Għawdex kienu jiġu, fosthom il-grupp *The Tramps* li kantaw "Xemx" l-ewwel darba fis-sala tagħna.

Dun Karm qatt ma qata' qalbu u kompla għaddej *full speed* kemm f'dik li hi ħidma fil-knisja u fl-għaqdiet tagħha, kemm f'dan il-club maż-żgħażagħ, u anke fuq xogħlu bħala għalliem. Hawnhekk kompla javvanza tant li laħaq *Head of Department* u *Guidance Officer* fit-*Technical Institute* tan-Naxxar.

Fl-1978 mietet ommu, u fis-snin ta' wara waħda wara l-oħra, u wieħed wara l-ieħor bdew imutu ħutu u ħallewh waħdu d-dar, fejn ried jaħseb għall-ikel hu, meta hu ma kienx jaf isajjar. Ħalla l-iskola, għalaq il-*Youth Centre* u kien min għalih se jnaqqas ftit mir-ritmu tax-xogħol. Iżda kemm Birkirkara fejn sar kanonku fl-1980 u kemm San Ġiljan is-saċerdoti bdew imajnaw u allura żdiedlu aktar ix-xogħol fiż-żewġ parroċċi fejn beda jqaddes u jqarar ħafna aktar minn qabel. U għall-ikel kif kien jagħmel? Din



***Ma' Dun Karm, it-tfal ta' San Ġiljan kienu jafu li mhux tagħlim, talb u quddies biss kien se jkollhom iżda anke xi divertita.***







***Wieħed mill-aħħar tiġijiet li ċċelebra Dun Karm fil-Knisja ta' Lapsi meta l-parroċċa kienet għadha hemm. Hawnhekk jidher iqarben lis-Sur Sunny Brincat. Imbagħad għandna lil Dun Karm iqarben lit-tfal tal-preċett fil-knisja l-ġdida. Il-gallariji jidhru għadhom mhumiex magħluqin bil-*****Via Sagra** ***kif inhuma llum.***

il-problema ssolviet ruħha waħidha. Għax kienu rrikkmandawh biex imur iqaddes fil-*Qawra Palace Hotel* u anke f'*Casa Antonia*. Allura daqqa f'waħda u daqqa fl-oħra kien dejjem isib platt lest.

Dun Karm beda jikber u ż-żmien beda jagħmel tiegħu. Jiftakar meta fid-Duluri tal-1989 kien tah attakk tal-qalb meta kien fuq l-altar. Saq huwa stess lejn St Luke's u hemmhekk eżaminawh u ħtieġlu jmur għal appuntamenti oħra wara dan. Ġie żmien it-tberik u kompla normali bħas-soltu. Imma mbagħad reġa' tah attakk ieħor, mill-ġdid waqt il-quddies. Din id-darba kien aktar gravi u t-tabib Azzopardi li nżerta jafu ħa ħsiebu sew l-isptar. Dam ħdax-il jum l-isptar iżda fit-tielet jum kien diġa ġab permess biex igħid ir-rużarju u jqaddes għall-pazjenti l-oħra. Minn dak iż-żmien 'l hawn l-attakki tal-qalb baqgħu ġejjin u sar irid joqgħod ħafna attent għal saħħtu.

**Il-Festa ta' San Ġiljan**

Ma setax jonqos, li wara li tkellimna dwar ħajtu kollha, kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-familja tiegħu kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħidma tiegħu fil-parroċċa u lil hin minnha, id-diskors waqa' fuq il-festa ta' San Ġiljan. Biex tagħmel festa trid il-flus, ħafna flus. Dun Karm allura kien jagħti daqqa t'id sew lill-kappillan biex jgħin fil-ġbir. "Kont indur bieb bieb bil-plattin. Min jagħtini sitt ħabbiet, min tlieta, jew xi tiġieġ. Għax imbagħad kienet issir il-fiera ukoll." Din il-fiera kienet tħalli ħafna flus, għax dak iż-żmien ħafna min-nies kienu aktar komdi jagħtu xi annimal milli kienu jrabbu aktar milli flus, billi il-bwiet ma tantx kienu mimlijin dak iż-żmien.

Staqsejnieh dwar l-armar tal-festa li kien hawn fl-imgħoddi. Hawnhekk tbissmilna u qalilna li ma tantx hemm x'wieħed jirrakkonta dwar dan, "Kellna l-Papa Ljun XIII (li minnu għad baqagħlna rasu fis-sagristija tal-Knisja ta' Lapsi) u xi erba' anġli (li tnejn minnhom reġgħu ġew restawrati minn Chris Micallef u sħabu), imma qatt ma kellna ħafna armar. Rigward il-logħob tan-nar semma lil "Ġarranka u Baldas li kienu jieħdu ħsieb." Meta tkellem fuq il-briju wiċċu xegħel, għax minn dan il-festa tagħna ma kinitx nieqsa milli jidher. "Niftakar fi Triq Lapsi kien jitla' b'ħafna briju. Kien idum xi siegħa tiela'. Kienu jintefgħu tant karti li konna



***Dun Karm waqt waħda mill-ġiti barra minn Malta. Ġita ma' Dun Karm kienet garanzija ta' divertiment, rużarju u quddiesa kuljum u minjiera ta' tagħlim fuq il-pajjiżi li jkunu qed iżuru.***






***Dun Karm l-għalliem (fuq) flimkien mal-kollegi antiki tiegħu waqt*** re-union ***tat-***Technical ***tan-Naxxar.***
***Dun Karm is-saċerdot (isfel) mal-membri l-oħra tal-kleru fi żmien il-Kappillan Dun Tony Agius.***



ngħoddsu fihom. U gassijiet jifgaw kull m'hemm. Ma' dawn ma nistgħux ma nsemmux il-marċi mill-aqwa ta' Pullicino bħal *Victory Parade*. Baned mistiedna niftakar San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ u Santa Elena Birkirkara u l-*Imperial* Mellieħa."

Ma stajniex inħallu barra l-episodju tal-ħarba ta' San Ġiljan għax nafu kemm jinżlulu għasel rakkonti bħal dawn lil Dun Karm. "Eh jien kont il-perċimess," qalilna, "għax meta beda jiżdied it-traffiku żviluppat problema fir-rotta tal-purċissjoni. Il-kappillan qalilna li ma kinux se jħalluna ngħaddu mad-dawra tal-baħar. Jien kont il-perċimess biex din ir-rotta ma nitilfuhiex, u allura ftihemt mar-reffiegħa biex x'ħin naslu fit-tarf ta' B'Kara Hill u l-purċissjoni ddur lejn Main Street, jaħarbu bih minn Grenfell. U hekk għamlu bil-banda b'kollox. Jien mort mal-purċissjoni kif xieraq. Filgħaxija arrestaw ir-reffiegħa kollha u ġew għalija ukoll imma Dun Ġwann qabeż għalija, u qalilhom 'dak miegħi kien'."

Episodju ieħor li ħa pjaċir jitkellem fuqu kien it-twaqqif tat-tieni banda f'San Ġiljan. Fil-fatt huwa qalilna li missieru u Nazju, missier Ġiljan Bonell kienu jinġiebu ħafna "imma fil-palju tal-Imnarja kienu jimpikaw għalih." Dun Karm minn dejjem kien ħabib ta' Ġiljan li kien ftit akbar minnu. Fil-Banda San Ġiljan qatt ma kien involut iżda kien jidħol u joħroġ hemm ukoll soċjalment. Imbagħad meta nqalgħet il-biċċa ta' Bonell, dan avviċinah biex ikun id-direttur spiritwali tal-banda l-ġdida u aċċetta. Depasquale tal-Kurja kien bagħat għalih għax qallu li kien se jġib il-firda, imma Dun Karm wieġbu "mela int taħseb li hawn Ħal Qormi mnejn ġej int?" Fil-fatt nistgħu ngħidu li qatt ma nqala' nkwiet, biss it-tieni banda serviet biex il-banda l-oħra terġa' tqum fuq tagħha u tieħu ħsieb l-immaġini tagħha ukoll. "Ġiljan Bonell kien hu li reġa' beda jarmalna bl-istatwi fuq barra. L-ewwel waħda ma nsemmuhiex, għax kienet kerha wisq. Kien ħadimha student għadu jibda. Imma wara beda jfittex artisti professjonisti u tana ġmiel ta' statwi ta' San Ġiljan, ta' Malta u ta' Ġwanni Pawlu II.

U la qed insemmu l-Papa Ġwanni Pawlu II niftakru ukoll fil-mawra ta' dan il-Papa fil-parroċċa tagħna. Iżda Dun Karm ma kellux ix-xorti jiltaqa' miegħu. "Meta ġie l-Papa Ġwanni Pawlu II fil-parroċċa tagħna kont stennejtu l-bajja fejn iż-żewġ baned. Iżda għadda malajr wisq u bilkemm ilħaqna rajnieh bin-nies li kien hemm. Imbagħad kien impossibbli għalija li nasal il-knisja."



Waqt li konna qed nitkellmu fuq il-festa ta' San Ġiljan Dun Karm fakkarna li f'San Ġiljan kellna wkoll festi oħra kbar li kienu jsiru għall-*Corpus* u l-Qalb ta' Ġesu. "F'*Corpus* biss biss kienu jsiru tliet purċissjonijiet. Kien hemm ukoll id-drawwa li tingħata l-benedizzjoni minn xi djar: m'għand ta' Borg Olivier ħdejn is-*City of London*, mid-dar ta' Wirth, ħdejn il-Qalb ta' Ġesù u Lapsi." Dun Karm jiftakar ukoll li qabel saret l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù kien hemm ħafna siġar tal-palm. Dawn ittieħdu fejn illum hemm *Palm Beach*.

## Santa Liena u San Ġiljan

L-intervista interessanti tagħna għalqet b'diskursata fuq l-egħżeż żewġ qaddisin ta' Dun Karm, Santa Liena u San Ġiljan. "Santa Liena kienet l-ewwel qaddisa li ħabbejt għax tfuliti għext fid-dell tagħha. Meta kont nilgħab tal-festi kont nagħmel il-festa tagħha. Qaddisa kbira, hemm ħafna xi tgħid fuqha. Għamiltilha paniġierku darba ma niftakarx meta." Hawnhekk Dun Karm tkellem dwar kemm dam jitħabat biex kiseb il-kanonkat li kellu dritt għalih min-naħa t'ommu. "Jien kelli d-dritt inkun kanonku ta' Birkirkara għax ġej direttament mill-familja ta' Filippu Borgia, iżda dan id-dritt baqgħu ma tahulix għal ħafna żmien. L-iskuża dejjem kienet li ma noqgħodx Birkirkara. U l-familja tiegħi qatt





***San Ġiljan Ospidalier u Santa Liena Imperatriċi, żewġ qaddisin li dejjem kienu għal qalb il-Kanonku Karm Calleja li twieled fil-parroċċa tal-aħħar u serva fil-parroċċa tal-ewwel.***



*Kanonku tal-Kolleġġjata ta' Sant'Elena, Birkirkara sa mill-1980. Dun Karm kellu d-dritt għal dan il-kanonkat min-naħa t'ommu.*



ma riedet tiċċaqlaq minn San Ġiljan." Seta' fetħilhom kawża u kien jirbaħilhom imma ma riedx jidħol għal dan l-inkwiet kollu. Biss fl-1980 avviċinah Dun Pawl Gauci li kien ordna miegħu u ħeġġu biex japplika. Din id-darba l-applikazzjoni ntlaqgħet mill-ewwel għax il-kanonċi kienu qed jonqsu. Fil-pussess tiegħu kien ġie l-Vigarju Ġenerali Mons. Xuereb.

Daqs kemm iħobb lil Santa Liena, iħobb lil San Ġiljan. Din il-ħaġa, Dun Karm dejjem igħidha. Huwa rrakkontalna kif ħa grazzja mal-qaddis tagħna għall-ewwel darba: "Mela jien kont ngħid ir-rużarju fit-toroq Birkirkara, ma kontx nitlef darba. Kienu ppremjawni ta' dan u kien hemm tliet statwi mnejn nagħżel. Għażilt ta' San Ġiljan, għax kienet statwa ħelwa u ħadt grazzja miegħu. Minn hemm bqajt inħobbu daqs Santa Liena. Imbagħad fis-Sajf dejjem konna ngawdu l-festa tiegħu." Jiftakar ukoll il-festa ta' Lapsi, bil-fenkata ħdejn il-baħar. Kienu jsajru ukoll mazzitt, zalzett malti... imbagħad jinżlu għall-ewwel għawma.

**Għeluq**
Il-kliem bħaċ-ċirasa u tabilħaqq waqt din l-intervista tkellimna fuq kollox u fuq kulħadd. Dun Karm huwa parti mill-istorja ta' San Ġiljan, kemm tal-parroċċa, kif ukoll tal-lokalità. Huwa kiteb il-memorji tiegħu f'wieħed mill-kapitli tal-ktieb li kien ħareġ fl-okkażjoni tal-ewwel ċentinarju tal-parroċċa – *San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Prof. Fiorini (ed.). Il-Ħamis tal-festa ta' dis-sena se jkun jum speċjali għal Dun Karm u għalina lkoll għax dak inhar se nfakkru dan l-anniversarju sabiħ ta' sittin sena saċerdozju. Meta wieħed jagħti l-kelma tiegħu u jżommha għal sittin sena tabilħaqq ikun jixraqlu kull ġieh, aktar u aktar fid-dinja tal-lum meta kelma anqas kapaċi nżommuha sena waħda biss, u la fiż-żwieġ, u la fuq xogħol u lanqas fl-ebda impenn ieħor. Kemm għandna x'nitgħallmu minn Dun Karm. Bniedem bħalna tad-demm u l-laħam li jiżbalja kif niżbaljaw aħna, iżda li qatt ma jieqaf jagħmel il-ġid f'kull nifs li jsellfu l-Mulej. U dan għadu jagħmlu għax sittin sena ilu taH kelma li jrid iservih, kif servewh Santa Liena u San Ġiljan, u din il-kelma żammha, għadu jżommha u fi ħsiebu jibqa' jżommha sal-aħħar. Ad Multos Annos Kanonk!